# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION
## ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 6 ta' Mejju 2025**

**Numru 16**

**Rikors numru 22/2025/1**

**Vassallo Builders Ltd (TID 000210886)**

**v.**

**(1) Wasteserv Malta Ltd (C-30560)**

**(2) Bonnici Bros Services Ltd (000210867)**

**(3) Dipartiment tal-Kuntratti**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq minn Vassallo Builders Limited kontra żewġ deċiżjonijiet mogħtija mill-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi fit-3 ta' Jannar, 2025, u fil-21 ta' Jannar, 2025,

rispettivament, li permezz tagħhom, il-Bord: (i) ċaħad l-oġġezzjoni ta' Vassallo Builders Limited dwar it-twarrib tal-offerta mressqa minnha flimkien ma' AC Enterprises Limited fis-sejħa pubblika għall-offerti bin-numru ta' riferenza CT2089/2024; u (ii) ma laqax it-talba tal-istess Vassallo Builders Limited għat-tiswija ta' żewġ żbalji li qiegħda tgħid li hemm fid-deċiżjoni tat-3 ta' Jannar, 2025.

**Daħla**

2. Fit-12 ta' April, 2024, id-Dipartiment tal-Kuntratti, f'isem WasteServ Malta Ltd, ħabbar sejħa pubblika għall-offerti, bl-isem ta' *«CT2089/2024 – Works – Demolition, Excavation and Construction Preparatory Works to Transform an Existing Waste Treatment Site into an Urban Greening Project, Marsaskala, Malta.»*

3. Kif anke jixhed isimha, l-għan wara din is-sejħa għall-offerti huwa għat-twettiq ta' bosta xogħlijiet, fosthom dawk ta' skavar, tneħħija tal-ħamrija, twaqqigħ ta' bosta strutturi u ġarr ta' materjal minn faċilità li titratta l-iskart, għat-twettiq ta' proġett hekk imsejjaħ bħala ta' *«urban greening»* (ara klawsola 1.1, tal-ewwel taqsima tad-dokument tas-sejħa).

4. Il-kriterju tal-għażla għal din is-sejħa għall-offerti kellu jkun dak tal-oħros offerta li tħares il-kriterji tekniċi u amministrattivi (ara paragrafu 6.1

tal-ewwel taqsima tad-dokument tas-sejħa għall-offerti).

5. Fid-dokument tas-sejħa, l-operaturi ekonomiċi ġew mgħarrfa li b'rabta mal-kriterji tal-eliġibbiltà, dawn kellhom jimlew *«the Eligibility Section through the tender response format»*. Ġew ukoll informati li: *«(i) If applicable, the necessary forms – such as the Power of Attorney, are to be uploaded through the tender response format/Epps/xml structure by the Economic Operator, as indicated in the relevant fields of the tender structure.»* (ara paragrafu 5(a) fl-ewwel taqsima tad-dokument tas-sejħa).

6. Bil-għan li jsostnu l-ħiliet tekniċi u professjonali tagħhom, l-awtorità kontraenti talbet lill-offerenti sabiex isemmu proġett wieħed li kien jinvolvi xogħlijiet ta' skavar u bini b'valur ta' mhux inqas minn nofs miljun ewro (VAT eskluż), u li lestew fl-aħħar ħames snin qabel. L-istruzzjonijiet li ngħataw b'rabta mal-ħarsien ta' dan il-kriterju kienu dawn li ġejjin:

> *«Tenderers are to state in a tabular form (table headings to include name of project, location, year and value) the Project on which they were contracted as provided and described above during the last five (5) years up to publishing of this tender. A brief description of the project (such as type of work) is to be submitted as part of the information."*
>
> *In so listing the end clients, the tenderer is giving his consent to the Evaluation Committee, so that the latter may, if it deems necessary, contact the relevant clients, with a view to obtain from them an opinion on the works provided to them, by the tenderer. The Evaluation Committee reserves the right to request additional documentation in respect of the deliveries listed.*
>
> ***Listed projects shall be supported by copies of the Final or Provisional Acceptance Certificate or equivalent issued by or on behalf of past Clients, proving that works have been completed to***

> ***the satisfaction of the client.»*** (silta meħuda minn paragrafu (ċ) f'paġni 6 u 7 tad-dokument tas-sejħa.)

7. Fost l-operaturi ekonomiċi li ħadu sehem f'din is-sejħa pubblika għall-offerti kien hemm il-kumpanija appellata Bonnici Bros Services Limited u l-kumpanija appellanti Vassallo Builders Ltd li tefgħet offerta flimkien mal-kumpanija AC Enterprises Limited, taħt l-isem ta' *«VBAC Joint Venture»*.

8. Waqt l-għarbiel tal-offerti, il-kumitat tal-evalwazzjoni bagħat lill-Vassallo Builders Limited, talba għar-retifika (f'paġni 171 u 172 tal-atti tal-appell) li taqra kif ġej:

> *«Reference is made to the tender in caption, and to your offer submission to same.*
>
> *The Evaluation Committee noted the following shortcomings about your submission:*
>
> > *1. Reference is made to Section 1, article 5 - Selection and Award Requirements, sub-article (A) — Eligibility Criteria, sub-article (i) — Power of Attorney (if applicable).*
>
> *It was noted by the Evaluation Committee that through the submitted Power of Attorney, a Joint Venture Agreement was submitted in the name of VBAC Joint Venture. Following this, through the submitted ESPD Document, under Article 2A.17.1 — Form of Participation, Messrs Vassallo Builders Ltd shall be the 'Leader'.*
>
> *In line with the General Rules Governing Tenders. Article 2.3 - One partner must be appointed lead partner* ***and that appointment confirmed by submission of power of attorney signed by legally empowered signatories representing all the Individual partners****.*
>
> ***Kindly rectify by submitting the above-mentioned documentation.***
>
> *2. Reference is made to sub-article (c) Technical and professional ability which state:*

*i. Performance of works of the specified type:*

*Tenderers are to state one (1) project including excavation and construction works completed during the last five (5) years, up to publishing of this tender, totalling a minimum value of €1.5 million (excl. VAT).*

*Tenderers are to state in a tabular form (table headings to include name of project, location, year and value) the Project on which they were contracted as provided and described above during the last five (5) years up to publishing of this tender. A brief description of the project (such as type of work) is to be submitted as part of the information.*

*Listed projects shall be supported by copies of the Final or Provisional Acceptance Certificate or equivalent issued by or on behalf of past Clients, proving that works have been completed to the satisfaction of the client.*

*It was noted by the Evaluation Committee that details of the University of Malta project for the total value of €25,931,001.22 was submitted. However, this project was not supported by copies of the Final or Provisional Acceptance Certificate or equivalent issued by or on behalf of past Clients, proving that works have been completed to the satisfaction of the client.*

***Kindly rectify by submitting the above-mentioned documentation OR provide a project including excavation and construction works completed during the last five (5) years, up to publishing of this tender, totalling a minimum value of €1.5 million (excl. VAT). The project shall be supported by copies of the Final or Provisional Acceptance Certificate or equivalent issued by or on behalf of past Clients, proving that works have been completed to the satisfaction of the client.***

*In terms of Article 5 of the Instructions to Tenderers, you are hereby being given the opportunity to rectify these shortcomings within five (5) working days of notification. Please note that deadline of submission may be viewed on the EPPS Portal.*

***Failing to reply within the stipulated timeframe shall render the offer to be discarded and declared as Administratively non-compliant.***

*The requested information is to be submitted through the appropriate Electronic Public Procurement (ePPS) module.*

*This rectification opportunity is being sent without any commitment whatsoever on the part of the Contracting Authority, and does not imply that your offer will be accepted as it may still be deemed*

> *administratively, technically or financially non-compliant during the evaluation process.*
>
> *Best regards,*
> *The Evaluation Committee»*

9. Aktar tard, b'ittra datata 11 ta' Ottubru, 2024 (f'paġna 39 tal-atti tal-appell), id-Dipartiment tal-Kuntratti għarraf lil Vassallo Builders Limited li s-sejħa inkwistjoni ntrebħet minn Bonnici Bros Services Ltd, u li l-offerta li hija ressqet flimkien ma' AC Enterprises Limited twarrbet għal dawn ir-raġunijiet:

> ***«The Evaluation Committee examined the submitted offer and noted missing information towards the Power of Attorney and missing Final or Provisional Acceptance Certificate related to the Reference Project. The EO was therefore asked to rectify his position, but the Economic Operator failed to upload the attachments in his reply to the Contracting Authority's rectification request. As this request was essential for the Evaluation Committee to property assess the offer, the missing information rendered the evaluation incomplete. Consequently, without these attachments, the offer could not be considered further.***
>
> *Hence the offer was deemed as eligibility non-compliant.*
>
> *Attached please find also for your perusal an IT audit report related to your query addressed to the Department of Contracts and the respective Contracting Authority.»*

10. Flimkien mal-istess ittra, id-Dipartiment tal-Kuntratti bagħat lil Vassallo Builders Limited *«IT audit report»* (f'paġni 40 u 462 tal-atti tal-appell) li jaqra kif ġej:

> *«EO Name: VASSALLO BUILDERS LTD*
> *EO ID: 1279*
> *Evaluation clarification ID: 11259753*

*According to the system logs:*

*1) Line 1616597: 195.158.110.22 - - [26/Jun/2024 : 11:10:19 +0200)*
*— the user tried to **post** the clarification response **with a file** and received a response 200 (validation error), to go back to the Evaluation Clarification form*
*— the user then resolved the validation error but the field "Attachment for the clarification" was left empty this time*

```
Line 1616597: 195.158.110.22 - - [26/Jun/2024:11:10:19 +0200] "POST
/epps/cft/publishEvaluationClarification.do?clarificationID=11259753&resou
rceId=11053416 HTTP/1.1" 200 32496
"https://www.etenders.gov.mt/epps/cft/prepareEditEvalAnswerClarification.d
o?clarificationID=11259753&resourceId=11053416" "Mozilla/5.0 (Windows NT
10.0; Win64; x64) AppleWebKit/537.36 (KHTML, like Gecko) Chrome/125.0.0.0
Safari/537.36 Edg/125.0.0.0" --- Bytes Snt:32905 / Bytes Rcv:528935 / Req
Time(sec):0
```

*2) Line 1618640: 195.158.110.22 - - [26/Jun/2024 : 11:12:23 + 0200] "POST — the user re-submitted the form **without a file** and successfully got redirected with a 302 status code. Please note that for this action we have also a business audit event of the successful publication, as follows:*
*— CFT Clarifications — Publish evaluation clarification portelliryan 195. 158.110.22, 10.250.152.15/10.250.47.31 Not Available 10.250.47.31 26/06/2024 11:12:26 Rectification Request*

```
Line 1618640: 195.158.110.22 - - [26/Jun/2024:11:12:23 +0200] "POST
/epps/cft/publishEvaluationClarification.do?clarificationID=11259753&resou
rceId=11053416 HTTP/1.1" 302 -
"https://www.etenders.gov.mt/epps/cft/publishEvaluationClarification.do?cl
arificationID=11259753&resourceId=11053416" "Mozilla/5.0 (Windows NT 10.0;
Win64; x64) AppleWebKit/537.36 (KHTML, like Gecko) Chrome/125.0.0.0
Safari/537.36 Edg/125.0.0.0" --- Bytes Snt:395 / Bytes Rcv:3607 / Req
Time(sec):3
```

»

11. Vassallo Builders Limited ħassitha aggravata bid-deċiżjoni dwar it-twarrib tal-offerta li ressqet flimkien ma' AC Enterprises Limited, u b'ittra ta' oġġezzjoni datata 21 ta' Ottubru, 2024 (f'paġni 198 sa 202 tal-atti tal-appell), hija kkontestat id-deċiżjoni ta' skwalifika u fost affarijiet oħra talbet li l-istess offerta terġa' tiddaħħal mill-ġdid fil-proċess tas-sejħa.

12. B'deċiżjoni mogħtija fit-3 ta' Jannar, 2025, il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi: (i) ċaħad l-ilmenti tal-kumpanija appellanti; (ii) ikkonferma d-deċiżjoni tal-awtorità kontraenti dwar l-għotja tal-kuntratt lil Bonnici Bros Services Limited; u (iii) ordna li d-depożitu mħallas mill-appellanti għat-tressiq ta' dik l-oġġezzjoni ma kellux jintraddilha lura.

13. Ir-raġunijiet ewlenin li wasslu lill-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi għal din id-deċiżjoni kienu dawn:

> *« This Board, after having examined the relevant documentation to this appeal and heard submissions made by all the interested parties including the testimony of the witnesses duly summoned, will now consider the preliminary pleas and appellant's grievances raised before it.*
>
> *Initially the Preliminary Pleas will be dealt with as per below.*
>
> ***a Preliminary Plea – Request For Information***
>
> *i. The Board observes that the appellant was given all the necessary information to enable it to submit its letter of objection in a timely manner. Therefore, once the information was properly provided, the Board will not consider this matter any further.*
>
> ***b. Preliminary Plea – Inadmissibility of Appeal***
>
> *i. The Board notes that throughout the entire procurement process, the appellant used the TID number '000210886'. The bid submitted by the joint venture was properly evaluated by the Evaluation Committee, and a rectification request was issued, referencing the same TID number. The name of the economic operator cited by the Contracting Authority in the and replicated and thereby ratified in the drafting of the rejection letter dated 11th October 2024.*
>
> *ii. When considering all of the above, and the fact that the rejection letter makes no mention of the arguments raised now by the Contracting Authority, issues which were known to the Contracting Authority as from the outset, the Board believes that upholding such a plea would violate the principle of proportionality, which is enshrined in our law.*

*With regards to the merits, this Board will deal with the grievances in the same chronology as presented by the appellant in its letter of objection.*

***c. 1st grievance - Rectification request addressed***

i. *Without entering into the merits of whether the bid of the appellant was compliant ab initio, as this will be dealt with in the 2nd grievance below, the matter to be decided in this 1st grievance is whether or not the rectification request, as issued by the Contracting Authority, was duly replied to by the appellant in the correct manner or otherwise.*

ii. *Initially, this Board points out that that the rectification request, dated 20th June 2024, was issued in a clear manner, making reference to the relevant sections of the tender document on which according to the Evaluation Committee the appellant failed to submit the relevant documentation.*

iii. *Once the Board heard the testimony under oath of Mr Jason Grech as well as taking cognizance of all the documentary evidence exhibited, including:*
   a) *Document WS3 as submitted by the Contracting Authority;*
   b) *Document WS4 as submitted by the Contracting Authority;*
   c) *Document WS5 as submitted by the Contracting Authority;*
   d) *Document WS6 as submitted by the Contracting Authority;*
   e) *Document WS7.1 as submitted by the Contracting Authority;*
   f) *Document WS7.2 as submitted by the Contracting Authority;*
   g) *Document WS8 as submitted by the Contracting Authority;*
   h) *Document WS9 as submitted by the Contracting Authority;*
   i) *Doc 1 as submitted by the appellant;*
   j) *Doc 2 as submitted by the appellant;*
   k) *Doc 3 as submitted by the appellant;*
   l) *Doc 4 as submitted by the appellant;*
   m) *Doc 7 as submitted by the appellant;*
   n) *Doc 8 as submitted by the appellant;*
   o) *Doc 9 as submitted by the appellant;*
   p) *Doc 10 as submitted by the appellant;*
   q) *Doc 11 as submitted by the appellant; and*
   r) *the server logs of the incident as drafted by 'European Dynamics', and presented by Mr Jason Grech,*

iv. *The chain of events that led to the issuance of the rejection letter, as far as this 1st grievance is concerned, are crystal clear to this Board. In fact, the Evaluation Committee acted with a great degree of care while at the same time fully adhering to the principles of Self Limitation and Equal Treatment of economic operators. At the end of the day, for there to be trust in the public procurement process, all economic operators are to be treated in the same equal manner. For instance, the Evaluation Committee*

*would have breached these principles if it had given cognisance of the attachments included in the email of Mr Jonathan Buttigieg dated 17th July 2024. This for two specific reasons. Firstly, the date of the email is post the deadline of the rectification request. Secondly, all communications have to be made through the proper channels, i.e. through the ePPS system.*

v. *On a more specific basis, this Board does not agree with arguments brought forward by the appellant that 'Doc 2' (as presented by the appellant) shows conflicting evidence. The full and complete server logs as prepared by European Dynamics present a complete picture of events which transpired. The economic operator made two attempts to reply to the rectification request. In both instances there were missing elements. During the first attempt a mandatory field box was left empty which prompted a validation error from the system. During the second attempt this 'issue' was properly dealt with by the economic operator but the attachment section was left empty. Due to the attachment section not being a 'mandatory' box, when replying to rectification requests, the system accepted this reply of the economic operator.*

vi. *That said, the aforementioned context falls squarely within the purview of NQUAYMT noe vs Agenzija ghal Infrastruttura Malta decided on 22nd June 2022 (Ref 35.22/1) become relevant whereby it was stated that: "…….Jekk oblatur ikun inghata opportunita ta retifika imma xorta wahda jibqa administratively non-compliant, il-bord ta evalwazzjoni ma jistax isalva dik l-offerta billi joqghod jigri wara dak l-oblatur sakemm dan, forsi, jirregola l-pozizzjoni tieghu. F'dan il kaz, il-konsorzju appellat inghata kull cans jissottometti ruhu ghat-talbiet tal-awtorita kontraenti, u imputet sibi jekk baqa jitraskura dak li kellu jaghmel."*

vii. *At this point, this Board cannot but reject the appellant's first grievance.*

***d. 2nd grievance - Irrespective of the rectification, Appellant is compliant – 'Power of Attorney'***

i. *Initially reference is made to the tender dossier Section 1 paragraph 5(A)(i) which states that "**If applicable**, the necessary forms – such as the **Power of Attorney**, are to be uploaded through the tender response format/Epps/xml structure by the Economic Operator……" (bold emphasis added)*

ii. *Reference is also made to the General Rules Governing Tenders whereby in paragraph 2.3 it is stated that "Tenders submitted by companies forming a **joint venture**/consortium/group of Economic Operators **must** also fulfil the following requirements: i) One partner **must** be appointed lead partner and that*

*appointment* ***confirmed by submission of power of attorney*** *signed by legally empowered signatories representing all the individual partners. The tender must include a preliminary agreement or letter of intent stating that all partners assume joint and several liability for the execution of the contract, that the* ***lead partner is authorised to bind****, and receive instructions for and on behalf of, all partners, individually and collectively. ii)All partners in the joint venture/consortium/group of Economic Operators are bound to remain in the joint venture/consortium/group of Economic Operators until the conclusion of the contracting procedure. The consortium/joint venture/group of Economic Operators winning this contract must include the same partners for the whole performance period of the contract other than as may be permitted or required by law." (bold emphasis added)*

iii. *Therefore, while this Board agrees that initially the 'Power of Attorney' document is not mandatory in nature, this is only because not all economic operators who participate in this tender process will be made up of joint ventures and / or consortiums. Once the bid of the appellant was made by a joint venture, this requirement becomes of a mandatory nature. This due to the word 'must' used in the General Rules Governing Tenders quoted above.*

iv. *Once it has been established that a 'Power of Attorney' is therefore required, what now needs to be considered is whether the Joint Venture Agreement as submitted by the appellant met the requirements of the clauses referred to above or otherwise. (as stated in the first grievance above, the Evaluation Committee was right in its conclusion that any further documentation presented in emails post the deadline date for submission of the rectification request was not to be considered)*

v. *In the opinion of this Board, the requirements of the General Rules Governing Tenders are clear and unambiguous, in that they require a 'Power of Attorney' and a 'Preliminary Agreement'. The Joint Venture Agreement submitted by the appellant, in the opinion of this Board clearly satisfies the requirements of the 'Preliminary Agreement' section. However, the Power of Attorney document was not submitted. The evaluation committee duly issued the rectification request, which was not fully replied to as per above 1st grievance arguments already dealt with. It is also the opinion of this Board that although a Power of Attorney may be express or implicit, verbal or in writing, given the special nature of the public procurement process, all legislation and Regulations in the public procurement ambit shall take precedence over ordinary law – lex specialis derogat lex generalis.*

vi. *Moreover, the fact that the appellant tried submitting a 'Power of Attorney' document, as evidenced by the email dated 17th July 2024 by Mr Jonathan Buttigieg, is also proof that in the mind of the appellant, the Joint Venture Agreement is not a total substitute for 'Power of such authorisation has already been granted and submitted.*

vii. *Therefore, this Board does not uphold this grievance of the appellant.*

***e. 2nd grievance - Irrespective of the rectification, Appellant is compliant – 'Performance of works of the specified type'***

i. *Initially reference is made to the tender dossier Section 1 paragraph 5(A)(c)(i) which states that "…Listed projects shall be supported by copies of the* ***Final or Provisional Acceptance Certificate or equivalent** **<u>issued by or on behalf of past Clients</u>**, proving that works have been completed to the* ***satisfaction of the client**" (bold & underline emphasis added)*

ii. *In the opinion of this Board, the report submitted by the appellant is nor a Final Certificate nor a Provisional Acceptance Certificate. Whether it is equivalent or otherwise is another issue. However, for sure it is not issued by or on behalf of past clients. The report is issued by a private entity to HSBC Bank plc 'as lender under the facility agreement'. Moreover, such report, even though it does mention instances that "the works of the original contract/scope are now practically complete….." this does necessarily mean that this should act as an equivalent to a Final / Provisional Acceptance Certificate.*

iii. *What was required was a definitive reporting document stating the above wording. The requirements were clear and unambiguous in their drafting. If the Evaluation Committee would have accepted anything other than what the tender required, they would have been in breach of the principle of Self-Limitation.*

iv. *Therefore, this Board does not uphold this grievance of the appellant*

***f. 3rd grievance – Proportionality***

i. *With regards to this grievance, this Board when considering all of the above, will again make reference to the case NQUAYMT noe vs Agenzija ghal Infrastruttura Malta decided on 22nd June 2022 (Ref 35.22/1) whereby it was stated that "l-eċċess fil-manjaminità u fit-tfittix sabiex jiġu salvati offerti akkost ta' kollox mhux espressjoni ta' proporzjonalità imma huwa sproporzjon kontra min kien "compliant" mill-bidu nett. Din l-Qorti mhux l-ewwel darba li*

*tirribadixxi li kull oblatur irid, sa mill-bidu nett mal-offerta tiegħu, isegwi rigorożament dak li trid is-sejħa għall-offerti u m'għandux jippretendi li jiġi mitlub "jirranġa" l-offerta biex ikun kompatibbli ma dak mitlub."*

ii. *In the opinion of this Board, the Evaluation Committee acted with due care and diligence, issued the rectification request as mandated and proceeded to act within the parameters of the principles of Equal Treatment, Self Limitation and more importantly with that of Proportionality.*

iii. *Therefore, this Board does not uphold this grievance of the appellant.»*

14. B'rikors tat-13 ta' Jannar, 2025 (f'paġni 161 sa 164 tal-atti tal-appell), Vassallo Builders Limited issottomettiet li d-deċiżjoni tat-3 ta' Jannar, 2025, hija milquta minn żewġ żbalji ewlenin. L-ewwel wieħed huwa li, skont Vassallo, tħalliet barra biċċa importanti mit-trattazzjoni finali tal-Avukat li deher għad-Dipartiment tal-Kuntratti. It-tieni wieħed huwa mbagħad li f'xi partijiet saret referenza għall-kumpanija *«Bonnici Brothers Limited»* minflok *«Bonnici Bros Services Limited».* Fid-dawl ta' dan, Vassallo Builders Limited talbet lill-Bord sabiex iwettaq it-tiswijiet meħtieġa b'riħet l-**Artikolu 825(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, hekk kif applikabbli b'**Regolament 90(6) tar-Regolamenti Dwar l-Akkwist Pubbliku**, u/jew bis-saħħa ta' **Regolament 276(g) tal-istess Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku**.

15. B'deċiżjoni tal-21 ta' Jannar, 2025 (f'paġna 165 tal-atti tal-appell), il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi ċaħad it-talba ta' Vassallo Builders Limited għal dawn ir-raġunijiet:

*«Having considered the application filed by the appellant on the 13th January 2025, the Board submits that the inconsistencies referred to in the appellant's application does not emanate form the decide and final considerations of this Board. Therefore, the same fall within the purview of the Court of Appeal judgement in the names Stephen Gauci v. Kim Camenzuli pronounced by the Court of Appeal on the 5th December, 2024.*

*Therefore and in view of the above, the juridical effects as contemplated in Article 825(2) of the Code of Organisation and Civil Procedure, Chapter 12 of the Laws of Malta, are not satisfied and are devoid of any juridical effect.»*

16. Vassallo Builders Limited ma qablitx kemm mad-deċiżjoni tat-3 ta' Jannar, 2025, kif ukoll ma' dik tal-21 ta' Jannar, 2025, u b'rikors tal-appell imressaq l-għada, 22 ta' Jannar, 2025, hija talbet lil din il-Qorti sabiex:

*«a. Tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi datata 21 ta' Jannar, 2025; u/jew;*

*b. Tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni bin-numru 2051 tal-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi datata 3 ta' Jannar, 2025; u/jew;*

*ċ. Tħassar u tirrevoka notice of award datata 11 ta' Ottubru, 2024, għas-sejħa (CT2089/2024) "Works – Demolition, Excavation and Construction Preparatory Works to Transform an Existing Waste Treatment Site into an Urban Greening Project, Marsaskala, Malta" u/jew;*

*d. Mingħajr preġudizzju għas-suespost,*

- *i. Tibgħat il-każ lura quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi, sabiex jerġa' jittratta u jiddeċiedi t-talba għall-korrezzjoni, fid-dawl ta' dak deċiż minn din l-Onorabbli Qorti; u/jew;*
- *ii. Tibgħat il-każ lura quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi kif diversament kompost, sabiex jerġa' jittratta u jiddeċiedi l-każ, fid-dawl ta' dak deċiż minn din l-Onorabbli Qorti fil-konfront ta' din is-sejħa (CT2089/2024); u/jew;*
- *iii. Tibgħat il-każ lura quddiem il-Kumitat tal-Evalwazzjoni kif diversament kompost, sabiex jerġa' jittratta u jiddeċiedi l-każ, fid-dawl ta' dak deċiż minn din l-Onorabbli Qorti fil-konfront ta'*

*din is-sejħa (CT2089/2024);*

*e. Tieħu dawk l-azzjonijiet kollha u neċessarji, sabiex fid-dawl ta' dak deċiż minn din l-Onorabbli Qorti:*

*i. Tordna lid-Dipartiment tal-Kuntratti u/jew lill-Awtorità Kontraenti u/jew lill-Kumitat tal-Evalwazzjoni, sabiex jerġa' jintegra l-offerta tal-appellanti Vassallo Ltd fil-proċess tal-għażla (CT2089/2024); u/jew*

*ii. Tordna lill-Bord li għandhom isiru l-korrezzjonijiet kollha u neċessarji inter alia ai termini tal-**Artikolu 825(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;*

*f. Tordna li d-depożitu mħallas minn Vassallo Ltd sabiex tiġi intavolata l-oġġezzjoni quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi, għandu jintradd lura;*

*g. Finalment tieħu dawk l-azzjonijiet kollha u neċessarji, sabiex dak li preċedentement ġie ordnat u/jew b'xi mod ieħor ġie iddikjarat minn din l-Onorabbli Qorti, jiġi implimentat;*

*Bl-ispejjeż taż-żewġt istanzi kontra l-appellati, jew min minnhom.»*

17. B'żewġ tweġibiet separati mressqa fis-17 ta' Frar, 2025, u fl-20 ta' Frar, 2025, rispettivament, id-Dipartiment tal-Kuntratti u WasteServ Malta Limited fissru għalfejn l-appell ta' Vassallo Builders Limited mhuwiex mistħoqq, u għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż.

18. Bi tweġiba oħra tas-17 ta' Frar, 2025, Bonnici Bros Services Limited qajmet il-preġudizzjali tan-nuqqas ta' siwi tal-appell, u filwaqt li talbet lil din il-Qorti sabiex issib li l-istess appell huwa null, tat ukoll ir-raġunijet tagħha għalfejn fin-nuqqas ta' hekk, l-appell għandu jiġi miċħud.

19. Il-Qorti semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet fis-smigħ li nżamm fil-jum tal-11 ta' Marzu, 2025, u minn hemmhekk l-appell tħalla

għas-sentenza għal-lum.

**Konsiderazzjonijiet**:

20. Qabel ma tixħet ħarsitha lejn l-aggravji ta' Vassallo Builders Limited, il-Qorti jeħtiġilha titlaq billi tistħarreġ il**-preġudizzjali dwar in-nuqqas ta' siwi tal-appell**, li qiegħda titqajjem minn Bonnici Bros Services Limited.

21. Bonnici Bros Services Limited qiegħda tibni din il-preġudizzjali tagħha fuq l-argument li l-identità tal-appellant f'dan l-appell, mhijiex l-istess waħda bħalma kienet quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi.

22. Tfisser li quddiem il-Bord, l-appellanti kienet biss il-kumpanija Vassallo Builders Limited, filwaqt li issa, dan l-appell qiegħed jitressaq minn konsorzju, li bl-ebda mod ma kien parti fil-proċeduri ta' quddiem il-Bord.

23. Tisħaq li f'dan il-qasam legali, l-appell tat-terz mhuwiex permissibbli, u sabiex issostni dan tirreferi għal **Regolament 284 tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku**, li fi kliemha, jillimita l-jedd ta' appell quddiem din il-Qorti tal-Appell, għal dawk il-partijiet li jkunu ħadu

sehem fil-proċeduri ta’ quddiem il-Bord.

24. F’dan il-qafas, tirraġuna li ġaladarba l-konsorzju u lanqas AC Enterprises Limited ma ressqu appell quddiem il-Bord, mela allura, dawn m’għandhomx jedd li jressqu appell f’dan l-istadju, u għaldaqstant, l-appell mhuwiex siewi.

25. Fil-fehma tal-Qorti din il-preġudizzjali mhijiex tajba u tressqet bla bżonn.

26. Għalkemm huwa minnu li **Regolament 284 tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku** jillimita d-dritt ta’ appell quddiem din il-Qorti tal-Appell għal *«[k]ull <u>parti</u> li tħoss ruħha aggravata minn deċiżjoni meħuda mill-Bord ta’ Reviżjoni»,* f’dan il-każ, il-parti li qiegħda tressaq l-appell hija prattikament l-istess waħda li ressqet l-ittra ta’ oġġezzjoni quddiem il-Bord.

27. Bilkemm għandu għalfejn jingħad li l-partijiet fi proċedura ġudizzjarja huma determinati mill-okkju tal-att ġudizzjarju li bih tinbeda dik il-proċedura, u f’dan il-każ, l-okkju tar-rikors tal-appell inkwistjoni, huwa <u>l-istess</u> bħalma kien fl-ittra ta’ oġġezzjoni ta’ quddiem il-Bord.

28. F'ċirkostanzi bħal dawn, Bonnici Bros Services Limited ma tistax għalhekk targumenta li l-identità tal-appellant f'din il-proċedura nbidlet, u għaldaqstant il-preġudizzjali dwar in-nuqqas ta' siwi tar-rikors tal-appell qiegħda tiġi miċħuda.

29. Il-Qorti sejra għalhekk tkun qiegħda issa tgħaddi biex tistħarreġ l-aggravji ta' Vassallo Builders Limited.

30. Vassallo Builders Limited (minn issa 'l hemm imsejħa wkoll bħala *«VBL»*) qiegħda taqsam l-appell tagħha f'ħames aggravji, li fil-qosor ħafna jistgħu jinġabru f'dawn:

a) li l-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi ma kellux jiċħdilha t-talba għall-korrezzjoni tad-deċiżjoni tat-3 ta' Jannar, 2025;

b) li Bord wettaq evalwazzjoni ħażina tal-*General Rules Governing Tenders* u kiser il-prinċipju tas-*self-limitation* fil-konklużjoni tiegħu dwar il-ħtieġa tal-prokura, għaliex is-sustanza kellha tirbaħ fuq il-forma, u li f'kull każ, il-prokura ma kinitx meħtieġa għaliex id-Dipartiment tal-Kuntratti u WasteServ Malta Limited ġabu ruħhom b'tali mod li għarfuha bħala l-*lead partner* fil-konsorzju;

c) li l-Bord qies ħażin ir-rekwiżiti b'rabta mal-kriterju dwar il-ħiliet tekniċi u professjonali, għaliex id-dokumenti tal-«*final or*

*provisional acceptance certificate or equivalent»* ma kinux meħtieġa, u f'kull każ kellu jikkonkludi li l-kumitat tal-evalwazzjoni kellu jagħmel użu mid-dritt tiegħu li jikkuntattja lill-iżviluppatur, kif ukoll kellu jqis id-dokumentazzjoni mressqa minnha bħala ekwivalenti għal «*final or provisional acceptance certificate»*;

d) li fiċ-ċirkostanzi, id-deċiżjoni ta' skwalifika kienet wisq sproporzjonata, u li f'kull każ it-talba għar-retifika ma kinitx ċara u ġiet imwieġba kif mitlub; u fl-aħħar nett;

e) li l-Bord kellu minn tal-inqas jordna li d-depożitu li ħallset biex setgħet tressaq l-oġġezzjoni quddiemu kellu jintraddilha lura;

31. Nibdew bl-**<u>ewwel aggravju</u>** ta' VBL, li huwa b'rabta mad-deċiżjoni tal-Bord tal-21 ta' Jannar, 2025, li fiha ċaħad it-talbiet tagħha għat-tiswija ta' 'żbalji' li VBL qiegħda tgħid li hemm fid-deċiżjoni tat-3 ta' Jannar, 2025.

32. Dwar dan, VBL titlaq billi tirreferi għal **Regolament 276(g) tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku** li jitlob lis-Segretarju tal-Bord ta' Reviżjoni sabiex: *«[i]żomm verbal tar-raġunijiet ta' kull aġġornament u kull ħaġa li ssir f'kull seduta»,* u fid-dawl ta' dan tilmenta li l-minuti tas-seduta tad-9 ta' Diċembru, 2024, *«ma jinkludux il-minuti ta' x'qalu l-partijiet»,* u b'mod partikolari x'qal l-avukat tad-Dipartiment tal-Kuntratti waqt it-

trattazzjoni finali.

33. Tirraġuna li jekk ma ssirx il-korrezzjoni mitluba, hija mhijiex sejra tkun f'qagħda li jkollha konferma dwar l-ammissjoni min-naħa tad-Dipartiment tal-Kuntratti li dak imniżżel fit-tweġiba tas-17 ta' Lulju, 2024 kien effettivament *«żball».*

34. Tfisser li dan huwa ta' rilevanza għaliex filwaqt li fid-deċiżjoni oriġinali tiegħu l-Bord iddikjara li ma kienx hemm żball jew kontradizzjoni bejn il-verżjoni tas-17 ta' Lulju, 2024 u l-verżjoni l-oħra tad-29 ta' Lulju, 2024, min-naħa 'l oħra fid-deċiżjoni aħħarija tal-21 ta' Jannar, 2025, il-Bord 'ikkonferma' li dawk l-inkonsistenti tabilħaq jeżistu.

35. Iżżid li mingħajr il-korrezzjoni mitluba, VBL mhux ser ikollha rimedju, għaliex f'dan l-istadju din il-Qorti għandha bżonn tieħu qies ta' dak kollu li seħħ fil-proċeduri ta' quddiem il-Bord biex tasal għad-deċiżjoni tagħha.

36. Tagħlaq billi tgħid li s-sentenza li rrefera għaliha l-Bord ta' Reviżjoni fid-deċiżjoni tal-21 ta' Jannar, 2025, mhijiex ta' rilevanza, u tgħaddi biex tagħti għadd ta' eżempji li fihom il-Bord dar għall-**Artikolu 825(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** sabiex sewwa xi żbalji fil-kontenut tad-deċiżjonijiet tiegħu.

37. Fil-fehma tal-Qorti dan l-aggravju huwa fieragħ.

38. L-ewwel nett, mhuwa minnu xejn li l-minuti tas-seduta tad-9 ta' Diċembru, 2024, *«ma jinkludux il-minuti ta' x'qalu l-partijiet.»* Minn ħarsa lejn dawk il-minuti, jidher li l-minuti huma mlaħħma sewwa u mhux biss jiddokumentaw f'ċertu dettall x'seħħ fis-seduta, iżda wkoll jagħtu sfond ta' dak mistqarr mix-xhieda, u fuq kollox, ta' dak li ssottomettew l-avukati tal-partijiet, kemm fil-ftuħ tas-seduta, kif ukoll fit-trattazzjoni finali.

39. Għal din il-Qorti, bil-mod ta' kif tfasslu, il-minuti tas-seduta tad-9 ta' Diċembru, 2024, iħarsu sewwa dak li huwa mitlub mil-leġislatur f'**Regolament 276(g) tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku**, u dan billi dak mitlub mil-liġi huwa li jiġu reġistrati: *«ir-raġunijiet ta' kull aġġornament u kull ħaġa li ssir f'kull seduta.»*

40. Kif tifhimha din il-Qorti, bil-frażi *«kull ħaġa li ssir f'kull seduta»,* il-liġi mhijiex qiegħda titlob lis-Segretarju tal-Bord sabiex iniżżel kelma b'kelma dak kollu li jingħad waqt is-seduta, u għalhekk huwa fir-responsabbiltà tal-partijiet, jew aħjar tal-avukati li jirrappreżentawhom li jivverbalizzaw dak kollu li jixtiequ li jiġi rreġistrat kelma b'kelma fil-minuti tas-seduta. Dan iktar u iktar għaliex, b'differenza għax-xhieda li għandha dejjem tiġi traskritta (ara **Regolament 92(3) tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku**), fejn jidħlu s-sottomissjonijiet legali tal-avukati tal-partijiet il-liġi

ma titlobx li dawn għandhom jiġu traskritti.

41. F'dan il-każ, VBL mhijiex qiegħda tgħid li s-Segretarju ma niżżilx xi ħaġa li l-Avukat tagħha talab li tiġi vverbalizzata waqt is-seduta, iżda sempliċiment qiegħda tilmenta li s-Segretarju ma niżżilx sottomissjoni partikolari li saret mill-avukat tad-Dipartiment tal-Kuntratti waqt li kien qiegħed jagħmel it-trattazzjoni finali.

42. VBL u l-avukat tagħha kienu preżenti waqt is-seduta, u jekk dawn dehrilhom li l-avukat tad-Dipartiment tal-Kuntratti għamel xi sottomissjoni jew stqarrija li kien jistħoqqilha tiġi reġistrata, dawn messhom ġibdu l-attenzjoni tal-Bord minnufih, u mhux qagħdu jistennew li jirċievu d-deċiżjoni tal-Bord, imbagħad ippretendew li l-Bord għandu jdaħħal dik l-istqarrija bis-setgħat mogħtija lilu bl-**Artikolu 825(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

43. Il-Qorti wkoll taqbel mal-appellati li n-nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' xi sottomissjoni tal-avukat waqt it-trattazzjoni finali, ma tistax tiġi msewwija bil-proċedura msemmija fl-**Artikolu 825(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, u dan billi minn kif juri kliem il-liġi stess, dik il-proċedura tgħodd biss: (i) għat-tiswija ta'*«żbalji fil-kliem użat fis-sentenza»*; jew (ii) għall-bidla ta' *«espressjonijiet li ma jkunux ċari, jew li jistgħu jiftiehmu xort'oħra minn dak li kif jidher ċar riedet tfisser il-qorti».*

44. Fuq kollox, il-Qorti jidhrilha li VBL ma tista' tikseb l-ebda siwi bil-korrezzjoni mitluba, għaliex din il-Qorti għandha quddiemha kemm l-*email* tas-17 ta' Lulju, 2024 (f'paġna 186 tal-atti tal-appell), kif ukoll dik tad-29 ta' Lulju, 2024 (f'paġna 187 tal-atti tal-appell), u b'hekk xorta waħda tinsab f'qagħda li tiżen u tgħarbel kollox.

45. Anke fejn għandha x'taqsam it-talba għat-tiswija ta' żewġ referenzi li saru għal *«Bonnici Brothers Ltd»* minflok għal *«Bonnici Bros Services Limited»,* il-Qorti jidhrilha li hawnhekk VBL lanqas ma tista' tikseb xi utilità mill-korrezzjoni mitluba minnha. Għalkemm veru li dak l-iżball sar darbtejn, tali żball huwa superfiċjali għall-aħħar għaliex sar biss fil-minuti, u mhux ukoll fil-parti tal-konsiderazzjonijiet, jew inkella fid-dispożittiv tad-deċiżjoni appellata.

46. Kemm fil-konsiderazzjonijiet, kif ukoll fid-dispożittiv, il-Bord ta' Reviżjoni rrefera b'mod konsistenti għall-kumpanija *«Bonnici Bros Services Limited»* u mhux għal *«Bonnici Brothers Limited»,* u għaldaqstant, m'għandux ikun hemm l-iċken dubju li f'kull parti tal-minuti fejn inkitbet il-frażi *«Bonnici Brothers Limited»,* din għandha tinftiehem li qiegħda tirreferi għal *«Bonnici Bros Services Limited».*

47. L-ewwel aggravju ta' VBL mhuwiex għalhekk mistħoqq u għal dawn ir-raġunijiet kollha qiegħed jiġi miċħud.

48. Ngħaddu issa għat-tieni, it-tielet u r-raba' aggravji ta' VBL, li minħabba r-rabta ta' bejniethom, il-Qorti serja tkun qiegħda tistħarriġhom flimkien.

49. Fit-**<u>tieni aggravju</u>** VBL qiegħda targumenta li l-iskwalifika tagħha għar-raġuni li ma ressqitx il-prokura mitluba mill-awtorità kontraenti mhijiex mistħoqqa, u dan kemm għaliex mhuwiex minnu li l-*General Rules Governing Tenders* jitolbu dik il-prokura b'żieda mal-ftehim preliminari dwar il-formazzjoni tal-konsorzju, kif ukoll għar-raġuni li l-*joint venture agreement* ipprovdut minnha, diġà kien jipprovdi għal dak mitlub mill-awtorità kontraenti. Skont VBL, is-sustanza kellha għalhekk tirbah fuq il-forma, u dan anke għaliex fid-dokumenti tas-sejħa ma ntalbitx xi formalità partikolari, u fil-liġi Maltija, l-aċċettazjoni tal-mandat min-naħa tal-mandatarju tista' wkoll tkun taċità u inferita mill-imġiba tal-istess mandatarju.

50. Fl-istess aggravju, VBL qiegħda wkoll targumenta li f'kull każ, kemm id-Dipartiment tal-Kuntratti kif ukoll WasteServ Malta Limited, ġabu ruħhom b'tali mod li għarfuha bħala l-*lead partner* fil-konsorzju, tant li indirizzaw kull korrispondenza b'rabta ma' din is-sejħa lilha biss, u mhux ukoll lil AC Enterprises Limited. Fuq is-saħħa ta' hekk, VBL qiegħda tirraġuna li hija ma kellhiex għalfejn tiġi skwalifikata minħabba n-nuqqas tas-sottomissjoni ta' prokura li fiha kellha tikkonferma l-ħatra tagħha bħala

*lead partner* fil-konsorzju.

51. Fit-**<u>tielet aggravju</u>** VBL qiegħda mbagħad tilmenta li kemm il-Bord ta' Reviżjoni kif ukoll il-kumitat tal-evalwazzjoni qiesu ħażin ir-rekwiżiti b'rabta mal-kriterju dwar il-ħiliet tekniċi u professjonali, għaliex id-dokumenti b'rabta mal-*«final or provisional acceptance certificate or equivalent»* ma kinux meħtieġa minħabba dak li nsibu **f'Regolament 229(3) tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku**, kif ukoll għaliex il-kumitat tal-evalwazzjoni kellu s-setgħa li jwettaq il-verifiki meħtieġa huwa stess. VBL qiegħda wkoll issostni, li f'kull każ, hija hemżet flimkien mal-offerta tagħha, dokument li kellu jitqies ekwivalenti għal *«final or provisional acceptance certificate»,* u b'hekk l-iskwalifika tal-offerta tagħha minħabba n-nuqqas ta' sottomissjoni ta' tali dokumentazzjoni hija wkoll inġusta.

52. Dwar l-ewwel punt, u sewwasew li l-kumitat tal-evalwazzjoni kif ukoll il-Bord ta' Reviżjoni wettqu evalwazzjoni ħażina tal-kriterju b'rabta mal-ħiliet tekniċi u professjonali, VBL qiegħda targumenta li skont id-dokument tas-sejħa, il-kumitat tal-evalwazzjoni kellu żewġ metodi li bihom seta' jivverifika jekk hija wettqitx dawk il-proġetti li rreferiet għalihom fl-offerta tagħha. Skont l-appellanti, l-ewwel metodu kien dak li l-kumitat tal-evalwazzjoni seta' jagħmel kuntatt dirett mal-klijenti, jew aħjar mal-appaltanti tagħha, sabiex jiksbu l-fehmiet tagħhom dwar ix-

xogħlijiet provduti lilhom minnha, filwaqt li t-tieni metodu kien billi titressaq *«final or provisional acceptance certificate or equivalent issued by or on behalf past clients».*

53. F'dan il-qafas, VBL tilmenta li bla ġustifikazzjoni ta' xejn, il-kumitat tal-evalwazzjoni għażel it-tieni metodu fuq tal-ewwel, u naqas għalkollox milli jdur għall-ewwel metodu ta' verifika. Tisħaq li dan in-nuqqas min-naħa tal-kumitat tal-evalwazzjoni mhuwiex ġustifikat, u dan iktar u iktar meta wieħed iqis li wieħed mill-proġetti li semmiet, kien b'rabta max-xogħol li għamlet fil-*Campus Hub* fl-Università ta' Malta.

54. Tfakkar li dan il-proġett tal-aħħar inħareġ wara konċessjoni maħruġa mill-Gvern ta' Malta, u fuq is-saħħa ta' hekk tirraġuna li tali proġett, kellu jagħti s-serħan tal-moħħ lill-kumitat tal-evalwazzjoni, li hija kienet tassew involuta fi proġett ta' valur li huwa ħafna ikbar minn dak mitlub fis-sejħa.

55. Tissokta billi tirreferi għal **Regolament 229(3) tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku**,[1] u tinsisti li d-dokumenti mitluba mill-kumitat tal-evalwazzjoni ma kinux meħtieġa għaliex il-kumitat tal-evalwazzjoni

[1] Dan ir-Regolament jaqra hekk: *«(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subregolamenti (1) u (2), l-operaturi ekonomiċi ma għandhomx jiġu obbligati jissottomettu dokumenti ta' sostenn jew informazzjoni dokumentarja oħra fejn u jekk l-awtorità kontraenti għandha l-possibbiltà li tikseb iċ-ċertifikati jew l-informazzjoni rilevanti direttament permezz ta'aċċess għal database nazzjonali fi kwalunkwe Stat Membru li jkun disponibbli mingħajr ħlas, bħal reġistru nazzjonali tal-akkwisti,dossier tal-kumpanniji virtwali, sistema elettronika għall-ħażna tad-dokumenti jew sistema ta' prekwalifikazzjoni.»*

seta' jikseb l-informazzjoni kollha dwar it-tlestija tax-xogħolijiet ta' skavar u kostruzzjoni b'rabta ma' dan il-proġett, minn bosta siti tal-internet kif ukoll minn dokumenti pubbliċi oħrajn fosthom minn rapport maħruġ mill-awditur ġenerali.

56. Bil-għan li ssostni dan, tirreferi għal xi siltiet mir-rapport tal-awditur ġenerali u filwaqt li tistqarr li hija ġabet dan kollu għall-għarfien tal-Bord ta' Reviżjoni, tilmenta li dak il-Bord xorta waħda eventwalment għadda biex ċaħad it-talbiet tagħha.

57. Iżżid li f'kull każ il-kumitat tal-evalwazzjoni żbalja meta qies li hija ma ressqitx *«final or provisional acceptance certificate»* flimkien mal-offerta tagħha u dan billi hija ressqet dokument li kellu jitqies li huwa ekwivalenti għal dak mitlub.

58. Tilmenta li d-dokument tas-sejħa lanqas biss ma fisser il-kliem *«final», «provisional»* u *«equivalent»* u tgħid li fil-proċeduri ta' quddiem il-Bord ġie spjegat li bil-kliem *«provisional»* wieħed għandu jifhem li l-proġett ikun fadallu xi pendenzi possibbilment fil-forma ta' *snag list* jew simili, madankollu jkun prattikament lest. Tisħaq li mir-rapport li hija ressqet flimkien mal-offerta tagħha, joħroġ biċ-ċar li x-xogħlijiet b'rabta mal-proġett imsemmi minnha kienu prattikament lesti, u l-iskop oriġinali tal-kuntratt kien tlesta.

59. Sfiq ma' dan, tilmenta li l-Bord ta' Reviżjoni mank biss daħal fil-kwistjoni dwar jekk id-dokument imressaq minnha kienx ekwivalenti għal *«final or provisional acceptance certificate»* għaliex illimita l-istħarriġ tiegħu dwar il-kwistjoni jekk tali dokument inħariġx minn jew f'isem il-klijent. Tfisser li dak ir-rapport inħareġ minn ditta bl-isem ta' *QP Management* f'isem u għan-nom ta' *Vassallo Business Parks Limited*, għaliex kienet din tal-aħħar li sselfet il-flus mingħand l-HSBC Bank Malta plc. Fid-dawl ta' dan, issostni li tali rapport kien biżżejjed biex jagħti serħan il-moħħ lill-kumitat tal-evalwazzjoni li x-xogħlijiet kienu lesti għas-sodisfazzjon ta' *Vassallo Business Park Limited*, għaliex kieku kien mod ieħor, dak ir-rapport ma kienx jgħid li x-xogħlijiet b'rabta mal-kuntratt oriġinali huma prattikament lesti.

60. Tkompli billi targumenta li l-alternattiva għar-rapport li ressqet kien billi tressaq rapport minn Vassallo lil Vassallo, għaliex tgħid li l-kumpanija *Vassallo Business Parks Limited* hija sussidjarja tal-Grupp Vassallo.

61. Tagħlaq billi tgħid li dan kollu ġie spejgat mix-xhud tagħha Jonathan Buttigieg li fost affarijiet oħra fisser kif id-dokument inkwistjoni huwa ekwivalenti għal dak mitlub, għaliex b'mod partikolari juri li l-iskop oriġinali tax-xogħlijiet kien prattikament intlaħaq u x-xogħlijiet li kien fadal kienu biss xogħlijiet addizzjonali mqabbda mill-inkwilini.

62. Fir-**raba' aggravju**, VBL tkompli tibni fuq l-argumenti li ressqet fit-tieni u t-tielet aggravji billi targumenta li d-deċiżjonijiet tal-kumitat tal-evalwazzjoni u tal-Bord ta' Reviżjoni jfallu t-test tal-proporzjonalità għaliex fiċ-ċirkostanzi, id-deċiżjoni dwar l-iskwalifika tagħha mis-sejħa inkwistjoni hija bil-wisq sproporzjonata. Tisħaq li l-esklużjoni tagħha hija ħarxa żżejjed għaliex kollox juri li hija kienet konformi ma' dak mitlub fis-sejħa sa mill-bidu nett billi 'bħala stat ta' fatt jirriżulta' li: (i) Jonathan Buttigieg u Anton Camilleri kellhom l-awtorizzazzjoni meħtieġa sabiex jaġixxu f'isem VBL u AC Enterprises Limited, rispettivament; (ii) VBL setgħet taġixxi f'isem u għan-nom tal-konsorzju VBAC; (iii) VBL kienet involuta f'iktar minn proġett wieħed li jisbqu l-valur minimu ta' €1,500,000 kif mitlub fis-sejħa; u (iv) id-dokumenti li jikkonfermaw dan kollu tressqu sa mill-bidu nett flimkien mal-offerta.

63. Iżżid li anke kieku stess, wieħed kellu għal ġieh l-argument, jaċċetta l-argumenti tad-Dipartiment tal-Kuntratti u ta' WasteServ Malta Limited, in-nuqqasijiet xorta waħda jibqgħu tant *«venjali»* li bl-ebda mod ma jistgħu jitqiesu li sejrin jirfsu fuq id-drittijiet ta' terzi, jew inkella sejrin iwasslu għall-ksur tar-**Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku**.

64. Tkompli billi tisħaq li l-prinċipju tal-proporzjonalità għandu jitħaddem b'iktar saħħa fil-każ tal-lum, għaliex f'dan il-każ, it-talba għal retifika ma kinitx ċara, u f'kull każ hija wieġbet it-talba għar-retifika kif

mitlub.

65. Dwar l-ilmenti b'rabta mal-'ambigwità' tat-talba għar-retifika, VBL qiegħda tgħid li l-kumitat tal-evalwazzjoni fixkilha għaliex irreferielha biss għall-proġett ta' *Campus Hub.* Tfisser li peress fl-offerta tagħha hija semmiet ukoll il-proġett ta' *Vassallo Business Park*, hija fehmet li d-dokumentazzjoni b'rabta ma' dan il-proġett tal-aħħar kienet ġiet aċċettata u ma kellha għalfejn tippreżenta xejn iktar. Tenfasizza li hija ma kellhiex mezz biex titlob kjarifika, u tirraġuna li n-nuqqas ta' ċarezza tat-talba għall-kjarifika m'għandux jintuża kontriha, għaliex hija ma kellha l-ebda għodda f'idejha sabiex tagħmel tajjeb għal dak in-nuqqas.

66. Sa fejn imbagħad għandu x'jaqsam l-argument li hija wieġbet it-talba għal retifika bil-mod kif mitlub minnha, VBL qiegħda tisħaq li dan mhuwiex xi każ li fih hija ma tatx każ tat-talba għar-retifika, jew inkella kienet negliġenti. Tgħid li hija wieġbet it-talba għal retifika jumejn qabel ma għalqu l-ħames t'ijiem li ngħatawlha, u ssostni li bix-xhieda u r-rapport ta' Daniel Mercieca hija wriet kif id-dokumenti mitluba fit-talba għar-retifika, tabilħaqq telqu mis-*servers* tagħha. Targumenta li min-naħa l-oħra, id-Dipartiment tal-Kuntratti ressaq żewġ verżjonijiet differenti, u filwaqt li tosserva li l-Bord ta' Reviżjoni sab ma' wiċċu tliet verżjonijiet differenti, tilmenta li l-Bord, minflok ma għamel dak mistenni minnu u ħatar espert sabiex jistabbilixxi liema kienet il-verżjoni t-tajba, qabad u

warrab żewġ verżjonijiet billi *«aċċetta b'mod arbitrarju waħda minnhom».*

67. F'dan l-istadju VBL tirreferi għal każ deċiż minn Qorti fl-Italja, u targumenta li meta ma jiġix ikkonfermat b'ċertezza fejn tkun seħħet id-diffikultà teknika, l-offerent m'għandux jitgħabba bil-ħtija. Fid-dawl ta' dan, VBL tisħaq li r-referenzi li għamel il-Bord lejn is-sentenza ta' ***NQUAYMT v. Aġenzija għal Infrastruttura Malta et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Ġunju, 2022, m'għandhomx jgħoddu għal dan il-każ, għaliex f'dan il-każ hija m'għandha ġġorr l-ebda ħtija billi: (i) hija wieġbet it-talba għar-retifika fil-ħin; (ii) skont rapporti tal-informatika, id-dokumenti telqu mis-*servers* tagħha; (iii) malli l-uffiċjali tagħha skoprew x'ġara, ippruvaw jagħmlu minn kollox sabiex jerġgħu jibgħatu dak mitlub; u (iv) ir-rapporti tad-Dipartiment tal-Kuntratti jikkonfermaw li hija ma kinitx negliġenti.

68. F'dan il-qafas, VBL targumenta li fiċ-ċirkostanzi, hija ma setgħetx titqies li ma ħarsitx l-istruzzjonijiet li ngħatawlha mill-kumitat tal-evalwazzjoni b'rabta mat-talba għar-retifika, u għalhekk tirraġuna li l-iskwalifika tagħha mhijiex ġusta u proporzjonata.

69. Il-Qorti wara li qieset l-ilmenti kollha ta' VBL fid-dawl ta' dak kollu li hemm fl-atti, titlaq billi tistqarr li ma taqbel xejn li t-talba għar-retifika inkwistjoni ma kinitx ċara.

70. Kif tixhed is-silta mill-ittra ta' retifika hekk kif riprodotta f'paragrafu 8 ta' din is-sentenza, il-kumitat tal-evalwazzjoni ħalla l-għażla f'idejn VBL sabiex jew tipprovdi kopja tal-«*Final or Provisional Acceptance Certificate or equivalent*» b'rabta mal-proġett tal-*Campus Hub,* jew inkella tipprovdi xi proġett ieħor li jinkludi xogħlijiet ta' skavar u kostruzzjoni, li twettaq minnha fl-aħħar ħames snin sad-data tal-pubblikazzjoni tas-sejħa, u li huwa ta' valur ta' mhux inqas minn miljun u nofs ewro (VAT eskluż).

71. Fl-istess ittra, il-kumitat tal-għażla għamilha wkoll ċara li: *«**The project shall be supported by copies of the Final or Provisional Acceptance Certificate or equivalent issued by or on behalf of past Clients, proving that works have been completed to the satisfaction of the client**.»*

72. Ġaladarba li fid-dokument tas-sejħa ntalab li: ***«Tenderers are to state <u>one (1) project</u> including excavation and construction works completed during the last five (5) years, up to publishing of this tender, totalling a minimum value of €1.5 million (excl. VAT)»*** (ara paġna 7 tad-dokument tas-sejħa) u fit-talba għar-retifika l-kumitat tal-evalwazzjoni talab lil VBL sabiex issemmi proġett <u>wieħed biss</u> u ssostnih b'kopja tal-*«Final or Provisional Acceptance Certificate or equivalent»,* mela allura, kellu jkun bil-wisq evidenti għal VBL li d-dokument imressaq minnha b'rabta mal-proġett ta' *Vassallo Business Park* ma kienx ġie

meqjus li huwa biżżejjed, għaliex li kieku kien hekk, il-kumitat tal-evalwazzjoni ma kienx sejjer jitlobha dak li talabha.

73. Il-Qorti hija wkoll tal-fehma soda li VBL lanqas ma tista' b'xi mod jew ieħor targumenta li hija wieġbet it-talba għar-retifika kif mitlub minnha, jew li ma kinitx traskurata fil-mod ta' kif imxiet.

74. Għalkemm veru li VBL ressqet bħala xhud lil Daniel Mercieca li jaħdem magħha bħala *IT Infrastructure and Security Manager,* u li min-naħa tiegħu dan ressaq rapport (f'paġni 183 sa 185 tal-atti tal-appell), li fih wera kif id-dokumenti mitluba għaddew mis-*servers* tagħha għas-*servers* tas-sistema li jaħdem biha d-Dipartiment tal-Kuntratti, il-Qorti rat li l-konnessjoni li Mercieca qiegħed jgħid li saret b'suċċess, tirreferi għall-ħin ta' 11:10, li huwa l-istess ħin li fl-*IT audit report* imressaq mid-Dipartiment tal-Kuntratti (f'paġna 462 tal-atti tal-appell) jingħad li: *«the user tried to post the clarification response* ***<u>with a file</u>*** *and received a response 200 (validation error), to go back to the Evaluation Clarfication form».*

75. Dwar dan, Jason Grech, li jaħdem bħala *ICT Executive* fid-Dipartiment tal-Kuntratti fisser li l-*«validation error»* imsemmi fl-*IT audit report* irriżulta għaliex l-uffiċjal li kien qiegħed jirrispondi f'isem VBL naqas milli jimla parti mandatorja (*text box*), bil-konsegwenza li tali nuqqas

wassal biex: *«meta għafas send ... is-sistema tagħna ovvjament irriġetjata u **lil user tagħtu error li ġiet rejected** għax ħalla fejn suppost mela vojt.»* u f'dak l-istadju *«l**-iscreen ġie resetted, jiġifieri jekk kien hemm fajl attachment l-iscreen jerġa' jiġi refreshed**.»* (ara x-xhieda ta' Jason Grech fuq dahar paġna 520 tal-atti tal-appell).

76. Il-'konnessjoni tal-pakketti' li Daniel Mercieca qal li saret b'suċċess (ara x-xhieda ta' Mercieca fuq id-dahar ta' paġna 495 tal-atti tal-appell), ma swiet għalhekk għalxejn, u dan għaliex hekk kif tela' l-*validation error*, kull *upload* li setgħet saret tħassret, u minn dak il-ħin 'il quddiem il-proċess tas-sottomissjoni kellu jibda mill-ġdid.

77. Terġa' u tgħid li kemm mix-xhieda ta' Grech, kif ukoll mill-*IT audit report* tad-Dipartiment tal-Kuntratti jirriżulta li min kien responsabbli mis-sottomissjoni tad-dokumenti ta' retifika, ġie mgħarraf li t-tweġiba għar-retifika ma kinitx għaddiet b'suċċess — tant li mill-istess rapport jidher li żewġ minuti wara, jiġifieri fil-11:12, l-istess uffiċjal ta' VBL reġa' bagħat mill-ġdid it-tweġiba għar-retifika, però din id-darba, filwaqt li mela l-parti mandatorja, huwa naqas għalkollox milli jehmeż mill-ġdid id-dokumenti inkwistjoni (erġa' ara r-rapport f'paġna 462 tal-atti tal-appell, kif ukoll ix-xhieda ta' Grech, fuq id-dahar ta' paġna 521 tal-atti tal-appell).

78. Ta' min ukoll isemmi, li mix-xhieda ta' Jonathan Buttigieg, ħareġ li l-uffiċjal responabbli min-naħa ta' VBL li daħal fis-sistema tal-ePPS biex iwieġeb it-talba għar-retifika kien: *«[i]l-contracts manager tagħ[hom] Ryan Portelli.»* (ara x-xhieda ta' Buttigieg, fuq id-dahar ta' paġna 515 tal-atti tal-appell). Buttigieg ikkonferma wkoll li huwa ma kienx ħdejn Portelli waqt li kien qiegħed iwieġeb it-talba għar-retifika, u għalhekk huwa biss Portelli li jaf sewwa x'għamel u m'għamilx (erġa' ara x-xhieda ta' Buttigieg, fuq id-dahar ta' paġna 515 tal-atti tal-appell).

79. Għar-raġunijiet li jafu huma, VBL ma ressqux lil Ryan Portelli sabiex jixhed quddiem il-Bord, u kemm minħabba f'hekk, kif ukoll għaliex Daniel Mercieca, ma qal xejn dwar jekk fit-tieni attentat ta' Portelli, id-dokumenti inkwistjoni kinux ġewx *uploaded* b'suċċess jew le, il-Qorti jidhrilha li kemm il-verżjoni ta' Jason Grech, kif ukoll il-kontenut tal-*IT audit report* tad-Dipartiment tal-Kuntratti, ma ġewx meruti.

80. Il-Bord għamel għalhekk sewwa li qagħad fuq l-*IT audit report* maħruġ mid-Dipartiment tal-Kuntratti, u fiċ-ċirkostanzi, VBL ma tistax tgħid li hija ssottomettiet id-dokumenti mitluba fit-talba għar-retifika fil-ħin mogħti lilha.

81. Din il-Qorti taqbel ukoll mal-Bord, li VBL lanqas ma tista' ssib xi wens fil-fatt li fis-17 ta' Lulju, 2024, Jonathan Buttigieg bagħat id-

dokumenti inkwistjoni b'*email*, u dan wara li 'skopra' li tali dokumenti ma kinux jidhru fis-sistema tal-ePPS bħala parti mit-tweġiba ta' VBL għat-talba għar-retifika (ara x-xhieda ta' Buttigieg f'paġna 512 tal-atti tal-appell, kif ukoll il-kontroeżami tal-istess xhud fuq id-dahar ta' paġna 516 tal-atti tal-appell).

82. Fis-sewwa, ir-regoli tas-sejħa ma kinux jippermettu lill-kumitat tal-evalwazzjoni sabiex jieħu qies ta' dawk id-dokumenti, u dan għaliex tali dokumenti mhux biss ma ntbagħtux skont il-proċedura uffiċjali jiġifieri *«through the appropriate Electronic Public Procurement (ePPS) module»,* iżda wkoll intbagħtu ħafna iktar tard mill-ħames t'ijiem ta' xogħol hekk kif mitluba fit-talba għar-retifika tal-21 ta' Ġunju, 2024 (ara t-talba għar-retifika f'paġna 172 tal-atti tal-appell).

83. Il-Qorti hija wkoll tal-fehma, li sa ċertu punt, l-email tas-17 ta' Lulju, 2024, ikompli jgħarraq il-qagħda ta' VBL u mhux jgħinha. Tassew, il-fatt innifsu li Jonathan Buttigieg kien kapaċi jintebah waħdu bin-nuqqas tal-*upload* tad-dokumenti, u dan minn sempliċi verifika fuq is-sistema tal-ePPS, turi kif min-naħa tagħha, VBL kellha mezz biex tiċċekkja jekk id-dokumenti ġewx mibgħuta minnha b'suċċess.

84. Jonathan Buttigieg stess stqarr li Ryan Portelli, ipprova jwieġeb it-talba għar-retifika u jibgħat id-dokumenti inkwistjoni f'isem VBL, fis-26 ta'

Ġunju, 2024 — jiġifieri jumejn qabel ma kienu jagħlqu l-ħames t'ijiem utli li ngħataw lil VBL biex twieġeb it-talba għar-retifika (ara l-kontroeżami ta' Jonathan Buttigieg fuq dahar il-paġna 515 tal-atti tal-appell).

85. Dan ifisser li sakemm skadew il-ħames t'ijiem utli, VBL kellha jumejn sħaħ li matulhom setgħet tivverifika jekk id-dokumenti inkwistjoni kinux ġew *uploaded* b'suċċess fuq is-sistema tal-ePPS u l-fatt waħdu li hija naqset milli tagħmel hekk juri li hija ma mxietx b'diliġenza li wieħed jistenna minn offerent li jieħu sehem f'sejħa li l-valur tagħha huwa daqshekk sostanzjali.

86. Anke però li kieku stess VBL ma kellhiex f'idejha xi mezz ta' verifika biex tiżgura li d-dokumenti inkwistjoni ġew sottomessi minnha, f'kull każ, jibqa' xorta waħda l-fatt li tali dokumenti ma ġewx sottomessi minħabba żball manwali minn-naħa tal-uffiċjal ta' VBL, u mhux minħabba xi difett fis-sistema tal-ePPS.

87. Ġaladarba d-dokumenti ma waslux minħabba nuqqas ta' VBL stess, VBL ma tistax issa tiġi tgħid li ma kinitx negliġenti, u għalhekk il-Bord qies ukoll sewwa li hija għandha ġġorr il-ħtija tan-nuqqasijiet tagħha (ara f'dan is-sens: ***V.J. Salomone Pharma Limited v. Central Procurement and Supplies Unit tal-Ministeru tas-Saħħa et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Ġunju, 2020 (§18) u ***AI for Science &***

***Technology Limited (C37110) v. Onorevoli Ministru tal-Edukazzjoni in rappreżentanza tal-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol u d-Direttur tal-Kuntratti***, mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Ġunju, 2019).

88. Il-Qorti hija wkoll tal-fehma li VBL lanqas ma tista' tgħid li d-dokumenti b'rabta mal-*«final or provisional acceptance certificate or equivalent»* ma kinux meħtieġa, u li mingħajr dawk id-dokumenti il-kumitat tal-evalwazzjoni xorta waħda seta' jwettaq il-verifiki meħtieġa huwa stess.

89. F'dan il-każ, kliem id-dokument tas-sejħa kien ċar biżżejjed, u hemmhekk l-offerenti ġew mgħarrfa li: *«[l]isted projects **shall** be supported by copies of the Final or Provisional Acceptance Certificate or equivalent issued by or on behalf of past Clients, proving that works have been completed to the satisfaction of the client»* (silta meħuda minn paġna 7 tad-dokument tas-sejħa). Bla dubju ta' xejn, il-kelma *«**shall**»* turi li d-dokumentazzjoni inkwistjoni kienet waħda mandatorja, u għalhekk VBL qiegħda tgħid ħażin li tali dokumentazzjoni ma kinitx meħtieġa.

90. VBL jeħtiġilha tifhem ukoll li meta r-regolamenti tas-sejħa jitolbu b'mod espress ċertu tip ta' dokumentazzjoni, dik id-dokumentazzjoni għandha tingħata bil-mod ta' kif ikun mitlub, u dan sal-għeluq taż-żmien

għall-offerti (ara f'dan is-sens ***Legacy Ventures Limited v. Direttur Ġenerali tal-Kuntratti et***, mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Lulju, 2024). Taqa' fir-responsabbiltà ta' kull offerent li jobdi l-kundizzjonijiet tas-sejħa bħala *«a reasonable well informed and normally diligent tenderer»*, u għaldaqstant, ġaladarba r-regoli tas-sejħa inkwistjoni kienu jimponu fuq l-offerenti li jressqu kopja tal-*«Final or Provisional Acceptance Certificate or equivalent»*, VBL kienet obbligata li tressaq dik id-dokumentazzjoni, u mhux tippretendi li setgħet tgħaddi mingħajrha jew inkella tressaq dak li jfetlilha (ara ***Freemond Limited v. L-Agenzija għas-Servizzi tal-Qorti et***, mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Marzu, 2023).

91. VBL lanqas ma tista' targumenta li d-dokumentazzjoni inkwistjoni ma kinitx meħtieġa minħabba dak li nsibu **f'Regolament 229(3) tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku**. Apparti li VBL ma wrietx li ċ-ċertifikati mitluba fid-dokument tas-sejħa huma disponibbli f'xi *«database nazzjonali»* tax-xorta msemmija f'dak ir-Regolament, f'kull każ, jekk VBL dehrilha li r-rekwiżit inkwistjoni kien illegali, hija setgħet tattakka dak il-kriterju fl-istadju ta' qabel l-għeluq tas-sottomissjoni tal-offerti, u dan bil-mod kif imsemmi f'**Regolament 262 Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku**. La hija naqset milli tagħmel hekk, u s-sejħa għall-offerti kienet tobbligaha tressaq kopja tal-*«Final or Provisional Acceptance Certificate or equivalent»*, mela allura, VBL kienet marbuta li tressaq tali

dokumentazzjoni, anke jekk dehrilha li dik id-dokumentazzjoni ma kinitx meħtieġa minħabba s-setgħat tal-kumitat tal-evalwazzjoni li jwettaq il-verifiki kollha meħtieġa, jew inkella għaliex dak il-kumitat seta' jsib l-informazzjoni minn fuq l-*internet* (ara ***All Clean Services Limited v. Ministeru Għall-Edukazzjoni et***., mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-10 ta' Jannar, 2023).

92. Bħall-Bord ta' Reviżjoni, din il-Qorti hija għalhekk tal-fehma li l-kumitat tal-evalwazzjoni mexa sewwa li nsista li jirċievi d-dokumentazzjoni hekk kif mitluba fid-dokument tas-sejħa b'rabta mas-sottomissjoni tal-*«Final or Provisional Acceptance Certificate or equivalent.»* Dan mhux biss għaliex dak il-kumitat kien mgħobbi bl-obbligu li jimxi bir-reqqa mal-kundizzjonijiet tas-sejħa (ara ***Reactilab Limited v. Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma et, mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Ottubru, 2023***), iżda fuq kollox għaliex tali kumitat ma setax jerġa' lura minn dak mitlub fid-dokument tas-sejħa mingħajr ma jikser il-prinċipji tat-trasparenza u tat-trattament indaqs bejn l-offerenti (ara ***Quattro Labs Limited pro et noe v. Malta College of Art, Science and Technology*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' April, 2018).

93. Fis-sewwa, jaf imnejn kien hemm xi operaturi ekonomiċi li ma ħadux sehem f'din is-sejħa għaliex ma kellhomx f'idejhom iċ-ċertifikati jew

id-dokumenti hekk kif mitluba fid-dokument tas-sejħa (ara b'analoġija ***Transporter Limited v. Minsteru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' April, 2024), u huwa proprju għalhekk li VBL ma tistax tippretendi li l-kumitat tal-evalwazzjoni kellu jagħlaq għajnejh għal dak mitlub mill-awtorità kontraenti.

94. Fil-fehma tal-Qorti, VBL lanqas ma qiegħda tgħid sewwa li hija ressqet dokument ekwivalenti, għal *«Final or Provisional Acceptance Certificate»* kif mitlub fid-dokument tas-sejħa.

95. Kif jixhed kliem id-dokument tas-sejħa, id-dokumentazzjoni inkwistjoni kellha sservi bħala prova li: *«works have been completed to the satisfaction of the client»* (ara paġna 7 tad-dokument tas-sejħa). F'dan il-każ, id-dokument li qiegħda tirreferi għalih l-appellanti, mhux talli jirreferi għal bosta *«pending works»,* bħal pereżempju: *«completion of internal circulation roads...; all soft landscaping works;* u *Zone A ongoing civil works at upper level, building services and finishes throughout»* iżda fuq kollox, ma jingħad xejn fih dwar jekk ix-xogħlijiet li kienu laħqu saru, kinux tlestew għas-sodisfazzjon tal-klijent (ara r-rapport maħruġ minn QP f'paġni 337 sa 353 tal-atti tal-appell, kif ukoll ix-xhieda tal-Perit Miriam Magri, li kienet waħda mill-membri tal-kumitat tal-evalwazzjoni, f'paġni 508 sa 511 tal-atti tal-appell).

96. F'ċirkostanzi bħal dawn, din il-Qorti ma tarax kif tista' tlum lill-kumitat tal-evalwazzjoni li ma aċċettatx id-dokument li qiegħda tirreferi għalih l-appellanti bħala 'ekwivalenti' għall-*«Final or Provisional Acceptance Certificate »* hekk kif mitlub fid-dokument tas-sejħa.

97. Wieħed għandu wkoll jifhem u japprezza, li f'ċirkostanzi bħal dawn, il-kumitat tal-evalwazzjoni ma qabadx u skwalifika lil VBL ħabta u sabta, iżda taha ċans li ssewwi n-nuqqas tagħha permezz ta' talba għal retifika. Kien biss għaliex VBL naqset milli tissottometti d-dokumentazzjoni mitluba lilha wara dik it-talba, li l-offerta tagħha ġiet skwalifikata, u f'ċirkostanzi ta' din ix-xorta, il-Qorti ma jidhrilhiex li l-prinċipju tal-proporzjonalità ġie mxellef (ara f'dan is-sens ***NQUAYMT v. Aġenzija Infrastruttura Malta et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Ġunju, 2022).

98. Fis-sewwa, wara li VBL naqset milli twieġeb it-talba għar-retifika kif mitlub, hija ma ħalliet l-ebda għażla oħra f'idejn il-kumitat tal-evalwazzjoni, għajr li jiskwalifika l-offerta tagħha, u dan kemm b'ħarsien mat-twissija li ngħatatilha fit-talba għar-retifika (f'paġna 172 tal-atti tal-appell), kif ukoll bis-saħħa ta' dak li nsibu f'taqsima 16 tal-*General Rules Governing Tenders,* hekk kif applikabbli b'paragrafu 4.8 tar-raba' taqsima tad-dokument tas-sejħa (f'paġna 87 tad-dokument tas-sejħa) .

99. Tħares minn fejn tħares, l-ilmenti ta' VBL hekk kif imressqa fit-tielet u fir-raba' aggravju mhumiex għalhekk mistħoqqa, u ġaladarba ċ-ċaħda ta' dawn l-aggravji huma biżżejjed biex id-deċiżjoni dwar l-iskwalifika tal-offerta tagħha ma tiġix mimsusa, il-Qorti ma fadlilha l-ebda ħtieġa li tistħarreġ l-ilmenti b'rabta mat-tieni aggravju, li huwa dwar il-kwistjoni b'rabta man-nuqqas ta' sottomissjoni tad-dokument tal-prokura.

100. Jifdal biss l-**aħħar aggravju** li fih VBL qiegħda tilmenta minn dik il-parti tad-deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni dwar it-telfien tad-depożitu li ħallset sabiex setgħet tressaq l-oġġezzjoni quddiemu.

101. Dwar dan, VBL qiegħda targumenta li l-awtorità kontraenti naqset milli tagħtiha tweġiba xierqa għall-mistoqsijiet li ressqet fis-17 ta' Ottubru, 2024, u għalhekk qiegħda tirraġuna li d-depożitu kellu jintraddilha lura għaliex l-awtorità kontraenti mxiet bi ksur ta' **Regolament 40 tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku** u bi ksur tal-prinċipju tal-ugwaljanza tal-armi.

102. Fil-fehma tal-Qorti, VBL ma tistax tuża t-talba għall-informazzjoni li qiegħda tirreferi għaliha bħala skuża sabiex tikseb lura d-depożitu mħallas minnha, u dan għal żewġ raġunijiet.

103. L-ewwel nett, ix-xorta ta' mistoqsijiet li ressqet fit-talba għall-informazzjoni tas-17 ta' Ottubru, 2024 (f'paġna 188 tal-atti tal-appell), ma

kinux ta' xi importanza materjali b'rabta mad-deċiżjoni tagħha dwar jekk hija kinitx sejra tressaq appell mid-deċiżjoni tal-iskwalifika tagħha.

104. Fit-tieni lok, u iktar importanti minn hekk, irrispettivament mill-informazzjoni mitluba fis-17 ta' Ottubru, 2024, VBL kienet f'qagħda li taf sewwa bin-nuqqas tagħha li tibgħat id-dokumenti hekk kif mitluba minnha fit-talba għar-retifika. Fuq kollox VBL kienet taf, jew messha kienet taf li hija ma ressqitx dokumentazzjoni fil-forma ta' *«Final or Provisional Acceptance Certificate or equivalent issued by or on behalf of past clients, <u>proving that works have been completed to the satisfaction of the client</u>».*

105. Ġaladarba VBL tilfet il-każ tagħha, għal raġunijiet li kienet jew minn tal-inqas setgħet tkun taf bihom qabel ma ressqet l-appell, il-Qorti jidhrilha li d-deċiżjoni tal-Bord dwar it-telfien tad-depożitu mhijiex irraġonevoli, u b'hekk anke l-ħames aggravju ta' VBL qiegħed jiġi miċħud (ara ***Legacy Ventures Limited v. Direttur Ġenerali tal-Kuntratti*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Lulju, 2024).

106. It-talbiet ta' Vassallo Builders Limited sejrin għalhekk ikun qegħdin jiġu miċħuda għalkollox.

107. Minkejja dan, u peress li l-kumpanija appellata Bonnici Bros Services Limited qajmet il-preġudizzjali tan-nullità tal-appell għal xejn

b'xejn, il-Qorti jidhrilha li ma jkunx sewwa li Vassallo Builders Limited tbati l-ispejjeż kollha b'rabta ma' din il-proċedura. Il-Qorti sejra għalhekk tkun qiegħda tikkundanna lil Bonnici Bros Services Limited, sabiex tagħmel tajjeb għal 20% tal-ispejjeż ta' din il-proċedura, filwaqt li l-bqija għandha tagħmel tajjeb għalihom Vassallo Builders Limited.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda **tiċħad** l-appell ta' Vassallo Builders Limited u tikkonferma għalkollox id-deċiżjonijiet tal-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi ta' nhar it-3 ta' Jannar, 2025, kif ukoll dik tal-21 ta' Jannar, 2025, rispettivament.

L-ispejjeż ta' din il-proċedura għandhom jitħallsu fil-kwoti ta' tmenin fil-mija (80%) mill-kumpanija appellanti Vassallo Builders Limited, filwaqt li l-bilanċ ta' għoxrin fil-mija (20%), għandu jitħallas mill-kumpanija appellata Bonnici Bros Services Limited.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
jb